**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Frar, 2000**

**Rikors Nru: 25A/96**

**Marianna u Lorenza ahwa Spiteri**

**vs**

**Angelo u Margaret sive Maggie konjugi Attard**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti, wara li ippremettew illi huma jqabblu l-ghalqa imsejha Tat-Tawru fil-limiti tal-Barrani, Zejtun ta' cirka ghoxrin tomna bil-qbiela ta' Lm6 fis-sena li jithallsu b'lura kull 15 ta' Awissu lill-intimati.

Illi din il-qbiela mhix gusta u reali u jinhtiegilha awment..

Talbu sabiex dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawmenta l-qbiela gusta u xierqa tal-ghalqa Tat-Tawru fil-limiti tal-Barrani, Zejtun taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord joghgbu xieraq u opportun.

Ra ir-risposta tal-intimati (a fol 4 tal-process li biha l-istess intimati safejn jafu huma r-raba imqabbel lilhom ma jissejjahx tat-'Tawrui' izda ta' 'Haz-Zieza' u anqas ghandu l-kapacita' ta' ghoxrin (20) tomna izda biss ta' disgha (9) tomniet u kif jidher mill-ircevuti relattivi, il-qbiela jithallas, bil-quddiem u mhux b'lura.

Illi m'hemmx lok ghat-talba ghall-awment ghaliex ir-rikorrenti qatt ma ghamlu xi benefikati fl-ghalqa kemm ilha din mikrija lill-intimati u stante li l-qbiela odjerna hija ekwa bi paragun ma' ghelieqi ohra fl-istess inhawi.

Ra l-atti kollha inkluz id-digriet moghti fit-30 ta' April 1997 (a fol 17 ibid) li permezz tieghu gew nominati bhala membri teknici tal-Bord il-Perit Frederick Valentino u Anthony Mifsud kif ukoll ir-rapport relattiv sottomess u li jinsab a fol 15 tal-process.

Ikkunsidra

Illi, in rigward il-kejl tal-istess raba, ir-rikorrenti jikkontendu li l-ghalqa "Tat-Tawru" fil-limiti ta' Tal-Barrani, Zejtun, ghandha kejl superficjali ta' "cirka ghoxrin tomna". Pero' mix-xhieda tal-intimat Angelo Attard (a fol 8 ibid), mill-kejl maghmul mill-Perit Joseph Genovese u "pjanta annessa a fol 14 u 15A tal-process) kif ukoll mir-relazzjoni sottomessa mill-Periti Teknici ta' dan il-Bord, (ara fol 15 ibid) jidher li il-kejl effettiv hu ta' disat itmiem u siegh, cirka.

Ikkunsidra:

Illi, in rigward il-qbiela prezenti jidher li dan hu ta' Lm6 fis-sena. Jekk dan fil-fatt jithallas b'lura jew bil-quddiem, l-istess intimat Angelo Attard (a fol 8 ibid) jsostni li dan jithallas bil-quddiem waqt li ma jissemma xejn dwar dan il-punt meta xehdet ir-rikorrenti Marianne Spiteri (a fol 10 ibid). Fir-risposta hawn fuq imsemmija sottomessa mill-intimati jinghad illi l-istess qbiela jithallas bil-quddiem. "kif jidher mill-ircevuti relattivi" li pero' ma gewx esebiti in atti.

Illi, dwar dan il-punt, trattasi ta' qbiela ghadu jigi presunt u ritenut li dan jithallas bil-quddiem skond kif jsostnu l-intimati.

Ikkunsidra:

Illi, in rigward il-qbiela xieraq u gust l-istess Periti Teknici (a fol 15 ibid) issottomettew li dan ghandu jkun ta' Lm16 fis-sena.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talba kif dedotta mill-istess rikors u jawmenta il-qbiela fuq l-ghalqa in kwistjoni kif murija a fol 14 u 15A tal-process ghal Lm16 fis-sena pagabbli bil-quddiem u dan b'effett mill-15 ta' Awissu 2000.

In rigward spejjez, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg.